**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 15**
**Rik. Gur. Nru. 110/13 JZM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

***kontra***

**Dr. Mark Busuttil LL.D u l-P.L. Katrina Zammit Cuomo li b`digriet tal-25 ta` Settembru 2012 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Artur Arakelyan [K.I numru 18658 (A)] u Gayane Selimian [K.I. nru 18659(A)] u b`nota tat-13 ta` Ottubru 2014 l-Avukat Anthony Rutter Giappone assuma l-atti bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Artur Arakelyan.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-4 ta` Frar 2013 li jaqra hekk :–

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 9 ta` Mejju 2006 in atti Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha (Dok. "A") u permezz ta` skrittura privata datata 25 ta` Novembru 2011, is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Artur Arakelyan u Gayane Selimian ;*

*2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta` Artur Arakelyan u Gayane Selimian mija u tmienja u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u zewg centezmi (€128,358.02), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Artur Arakelyan u Gayane Selimian mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta` Jannar 2013 sad-data ta` l-effettiv pagament ;*

*3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhal Dok. "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Artur Arakelyan u Gayane Selimian – (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulati fl-imsemmija kuntratt u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Artur Arakelyan u Gayane Selimian li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.*

*4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

*5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta` ittra ufficjali datata 22 ta` Novembru 2012, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provedimenti opportuni, jghid l-konvenuti ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikkjara u tiddecidi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dok "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Artur Arakelyan u Gayana Selimian (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess Artur Arakelyan u Gayane Selimian li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u*

*2. Tikkundanna lill-Artur Arakelyan u Gayane Selimian ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u tmienja u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u zewg centezmi (€128,358.02), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta` Artur Arakelyan u Gayane Selimian mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta` Jannar 2013 sad-data ta` l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 22 ta` Novembru 2012, kontra l-konvenuti li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank attur u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentat mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kuraturi deputati Av. Mark Busuttil u P.L. Katrina Zammit Cuomo fl-20 ta` Frar 2013 fejn iddikjaraw illi ma kienux edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw li jipprezentaw risposta motivati fil-kaz u meta jkunu edotti mill-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kuraturi deputati.

Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` attrici fis-27 ta` Frar 2013.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta` Dorianne Tanti – '*litigation officer*' mal-bank attur - fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li xehdet illi wara d-data tal-prezentata tar-rikors guramentat ma sar l-ebda hlas mill-konvenuti.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-kuratur deputat Av. Mark Busuttil li fil-21 ta` Marzu 2013 xehed illi bhala kuratur huwa kkomunika mal-bank attur fejn talab li jinghata l-indirizz ta` residenza tal-konvenuti. Huwa baqa` ma kkomunikax mal-konvenuti ghaliex ma kellux indirizz ta` residenza tajjeb. Ighid illi baqa` mhux edott mill-fatti tal-kaz.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-kuraturi deputati fit-18 ta` Novembru 2013 li taqra hekk :–

*1. Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta` bank rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi, minghajr pregudizzju, l-esponent konvenut hu dispost u jixtieq jasal fi ftehim accettabbli ghaz-zewg nahat fir-rigward l-obbligi involuti u dan peress li qatt ma kellu u m`ghandux hsieb li jevita l-obbligi tieghu kif gie suggerit imma li jonorhom u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jidhirlu li hu mghandux ibati l-ispejjez legali, se mai kollha, stante li d-diffikultajiet li inqalghu ma kinux tort tieghu.*

*4. Salv risposta ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kuraturi deputati.

Rat l-ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tal-24 ta` Jannar 2014 li permezz tieghu din il-kawza giet trasferita sabiex tkompli tinstema` u tigi deciza minn din il-Qorti kif presjeduta.

Rat in-nota li pprezenta l-Av. Dr. Anthony Rutter Giappone fit-13 ta` Ottubru 2014 (fol 54) li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju specjali, ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti konvenut Artur Arakelyan.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-Av. Dr. Anthony Rutter Giappone noe fit-13 ta` Ottubru 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi effettivament il-bank attur kien prekluz illi jintavola kemm l-ittra ufficjali pprezentata mill-bank attur datata 22 ta` Novembru 2012 kif ukoll il-procedura odjerna stante ordni ta` sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Artur Arakelyan moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b`digriet tal-31 ta` Jannar 2009, liema ordni giet imhassra wara illi giet ipprezentata il-kawza odjerna u cioe` in forza ta` digriet moghti fid-19 ta` Awwissu 2013 u dana hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi konsegwentement tali talbiet attrici mhux biss ma jregux imma huma wkoll irritwali u nulli.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija wahda intempestiva u dana hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-Av. Dr. Anthony Rutter Giappone noe.

Semghet ix-xiehda ta` Graziella Perrone fis-seduta tat-18 ta` Novembru 2014. u rat l-erba` dokumenti (Dok AA1 sa AA4) li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Illi Graziella Perrone xehdet illi hija '*relationship officer*' mal-bank attur u kienet tiehu hsieb il-kont ta` Artur Arakelyan li kien klijent tal-bank. Il-kawza tal-lum saret ghaliex kontra Arakelyan hareg '*freezing order*'. L-ordni harget f`Jannar 2009 u thassret f`Awissu 2013 (Dok AA1 u AA2). Wara li harget il-'*freezing order*' kienu lahqu saru depoziti fil-kont ta` Arakelyan. Meta l-bank sar jaf bl-ordni, qieghed id-depoziti partikolari go '*suspense account*' u meta l-ordni tnehhiet, il-flus marru lura mis-'*suspense account*' ghal-'*loan account*' tal-klijent sabiex b`hekk il-bilanc kapitali dovut lill-bank sar €118,359.06 oltre l-imghax. (Dok AA3 u AA4).

Rat in-nota li pprezenta l-bank attur fl-udjenza tat-18 ta` Novembru 2014 fejn, ghar-ragunijiet li rrizultaw mid-deposizzjoni ta` Graziella Perrone, naqqas il-pretensjoni tieghu ghall-ammont ta` mija u tmintax-il elf tliet mija disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€118,359.06) bl-imghax legali mit-3 ta` Gunju 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-nota li pprezenta Av. Dr. Anthony Rutter Giappone noe fil-11 ta` Settembru 2015 fejn informa lill-Qorti illi kien jinsab f`negozjati mal-bank attur sabiex jasal ghal ftehim.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta` Settembru 2015 fejn il-Qorti kienet infurmata mid-difensur tal-bank attur illi l-partijiet kienu qorbu lejn transazzjoni.

Rat in-nota ta` ammissjoni li pprezenta Av. Dr. Anthony Rutter Giappone fl-udjenza tat-12 ta` Novembru 2015.

Rat illi fl-istess udjenza nghalaq il-gbir tal-provi tal-kuraturi deputati li baqghu jirrapprezentaw lill-assenti Gayane Selimian, li tigi mart Artur Arakelyan, u l-kawza thalliet ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum.

Rat illi ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

Billi l-ewwel talba tas-socjeta` attrici tirrizulta ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi, mhux biss bid-deposizzjonijiet tar-rapprezentanti tal-bank attur u bid-dokumenti esebiti, izda bl-ammissjoni tal-mandatarju tal-assenti konvenut Artur Arakelyan ; dan apparti li l-fondatezza taghha mhijiex

kontradetta mill-kuraturi deputati li qeghdin jidhru ghall-assenti konvenuta Gayane Selimian.

Billi t-tieni talba tas-socjeta` attrici kif ridotta u modifikata tirrizulta wkoll ppruvata sal-grad rikjest mil-ligi ghall-istess ragunijiet tal-ewwel talba.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Riferibbilment ghat-tieni talba, tikkundanna lill-assenti konvenut Artur Arakelyan rapprezentat fil-kawza tal-lum mill-mandatarju tieghu l-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone, u lill-assenti Gayane Selimian rapprezentata mill-kuraturi deputati Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u tmintax-il elf tliet mija disgha u hamsin Ewro u sitt centezmi (€118,359.06) minnhom dovuta, bl-imghax legali b`effett mit-3 ta` Gunju 2014 sad-data ta` l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez tal-kawza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta` Novembru 2012, jithallsu mill-assenti konvenuti Artur Arakelyan u Gayane Selimian, b`dan illi l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**